MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 33/2001/1

Kummissarju ta’ l-Artijiet
Vs
Daisy Bonello f’isem l-assenti Angelo Sciberras u
Josephine Sciberras

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta l-Art li jesponi bir-rispett:

Illi l-intimati gew notifikati b’avviz ghall-ftehim datat 21 ta Marzu 2001, fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fl-Imsida, tal-kejl ta madwar 577 metri kwadri, u tmiss mill-grigal ma propjeta tal-werrieta ta George Sciberras, mill-lvant ma propjeta ta Angelo Sciberras u mix-xlokk ma sqaq pubbliku, huwa ta seba mija u tmenin lira Maltija (Lm780) kif jidher mir-rapport tal-Perit Frd H Valentino A&CE tad-9 ta Jannar 2001 li estratt tieghu Dok A hija annessa ma l-istess Avviz ghall-ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tas-16 ta April 2001 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu lid an il-kumpens ghandu jkun ta tlett elef, tmien mija u tlieta u hamsin lira Maltija (Lm3853).

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lid an il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favor ir-rikorrent b'titolu ta xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta l-Art jew lin-Nutar li jkun jagixxi minfloku biex jippublika l-att relattiv f'dik il-gurnata , hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-diposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra r-risposta ta Daisy Bonello noe li tesponi bir-rispett:

Illi kif gie spjegat fl-ittra ufficjali taghha tas-16 ta April 2001, l-esponenti, ghan-nom ta Angelo u Josephine konjugi Sciberras li huma l-propjetarji ta bicca art fl-Imsida tal-kejl ta madwar 577 metri kwadri, ma accettatx l-offerta tal-Kummissarju tal-Art billi hija offerta baxxa wisq fic-cirkostanzi u m'hiex rejalistika ghaz-zminijiet tal-llum.

Illi l-esponenti thoss illi l-ammont gust dovut lilha ghall-akkwist ta l-istess art bhala libera u franka huwa ta tlett elef, tmien mija u tlieta u hamsin Lira Maltija (Lm 3853) skond l-istima tal-Perit Paul Buhagiar A&CE li qed tigi hawn annessa.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob lid an il-Bord jiffissa il-kumpens kif indikat mill-esponenti u jichad dak li l-Kummissarju tal-Art qieghed joffri.  U dan bl-ispejjez.

Ra li l-partijiet gew notifikati bl-atti kollha

Ra d-digriet tieghi li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace

Sema x-xhieda bil-gurament

Ra l-atti u d-dokumenti kollha

Ra n-nota ta sottomissjonijiet ta l-intimata nomine

F'dan ir-rikors qamet kwistjoni dwar xi bini li kien hemm fil-qasam li l-periti dehrilhom li kienu hemm u li stmawhom bhala benefikati li haqqhom kumpens ta elf lira Maltija (Lm1000) u dan barra l-valur ta l-art fl-ammont ta elf hames mija u erbghin lira Maltija (Lm 1540). B'kollox il-kumpens hu ta elfejn, hames mija u erbghin lira Maltija (Lm2540.

Ghalhekk il-Bord jordna lill-intimata nomine li tittrasferixxi b'titolu ta xiri assolut bhala libera u franka l-bicca art fl-Imsida tal-kejl ta madwar 577 metri kwadri, tmiss mill-grigal ma propjeta tal-werrieta ta George Sciberras, mill-lvant ma propjeta ta Angelo Sciberras u mix-xlokk ma sqaq pubbliku bil-kumpens ta Lm2540 kif fuq imfisser. Nahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tar-rikorrent jew lin-Nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippublika l-att, u lil Dottor Anton Farrugia Sacco biex jidher fuq l-atti ghall-kontumaci, liema att ghandu jigi ppublikat fl-Ufficcju tar-rikorrent fis-6 ta Settembru 2005 fid-9.30am. L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offert mill-Awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------